MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2012

Numru. 316/2011

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF-GRIMAUD**

**KONTRA**

**DOMINIC FRANK SALVATORE GIANNAKOUDAKIS ta' 25 sena, iben Andreas u Marcelle nee' Cutajar, imwieled il-Grecja nhar it-3 ta' Novembru, 1986, residenti fil-fond St Joseph Court, Flat B1, Salvu Buhagiar, Marsascala, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 0366507L;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Dominic Frank Salvatore Giannakoudakis** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-17 ta’ Frar, 2011, ghall-habta tan-12.30pm fi Gnien il-Mall, Floriana, ikkommetta serq ta’ basket, ghad-detriment ta’ Ramona Ehret, studenta Germaniza, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-lok, u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 269(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fi stadju ta’ l-ezami wiegeb illi kien hati ta’ l-istess.

Rat fil-konfront ta’ l-ammissjoni, l-istqarrija minnu rilaxxata, fejn ammetta r-reati lilu addebitati.

Rat ukoll li tali stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat kien inghata d-dritt ta’ konsulenza legali.

Xehdet ukoll Jean Cali in rapprezentanza tal-Caritas. Qalet illi beda maghhom fit-23 ta’ Mejju, 2008, fuq individual sessions. Mar fis-sena 2008, ftit drabi 2009, fis-sena 2010. Ziedet illi qatt ma ried jidhol rehabilitation u fis-sena 2010 kien mar darba biss. Qalet ukoll illi hu kellu bzonn jidhol programm.
Aktar tard xehdet illi hu ried jidhol programm, u anke xehdet li l-motivazzjoni tieghu kienet wahda tajba, kif ukoll illi sahansitra kien dahal San Blas.

Tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib lil Dominic Frank Salvatore Giannakoudakis hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 261, 267, 269, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Qieset il-problema li ghandu u li llum qieghed juri motivazzjoni biex johrog minnha tramite programm, ghaldaqstant qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sena(1) sospiza ghal sentejn(2) wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tqieghdu wkoll taht Ordni ta’ Supervizjoni ghal zmien sentejn(2), b’dan illi huwa ghandu jigi segwit minn ufficjal tal-Probation ghal dan il-perjodu, b’dan illi huwa ghandu jkompli b’success u jittermina l-programm minnu gia’ mibdi fi hdan il-Cartias kontra l-abbuz tad-droga.

Ghandu wkoll jobdi kull direttiva lilu moghtija lilu f'dan ir-rigward mill-ufficjal tal-Probation jew l-addetti ta' l-istess Agenzija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------